MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2006

Appell Civili Numru. 804/2003/2

**Maureen Scicluna**
**Vs**
**Dr. Anthony P. Farrugia**

**Il-Qorti,**

Din is-sentenza tittratta dwar talba ghar-ritrattazzjoni a tenur tal-paragrafu (l) ta' l-Artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta wara sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament komposta fis-6 ta' April, 2005 fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi.

Fis-sentenza tas-6 ta' April, 2005 jinghad hekk:
"Fid-9 ta' Lulju, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

"Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attrici fit-23 ta' April, 2003, fejn intalbet tghid il-ghaliex m'ghandux il-konvenut jigi kkundanat ihallas lill-attrici s-somma ta' elf

erba’ mija u tmenin lira Maltin (LM1,480) rappresentanti flejjes lilu moghtija fil-perjodu bejn Gunju, 1996 u Settembru, 1998 bhala kera dovuta mill-attrici lil Carmel Scerri fuq il-fond Flat 3, Pilkington Flats, Triq San Girgor, Sliema, liema flejjes baqghu fil-pussess tal-konvenut.

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tat-3 ta’ Frar, 2003, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

“Ra ir-risposta tal-konvenut Dr. Anthony P. Farrugia ppresentata fit-13 ta’ Mejju, 2003 fejn intqal illi:

“L-ebda somma m’hi dovuta lill-attrici, anzi huwa l-kaz li hi ghandha taghti lill-esponent.

“Dan kollu gie mfiehem lill-attrici kemm f’korrispondenza u b’kontro protest.

“Ra l-affidavits ta’ Mayreen Scicluna, Jacqueline Ellul, Tania Maidani u ta’ Dr. Anthony P. Farrugia. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

“Ikkunsidra:

1. Il-kaz jirrigwarda talba ghall-refuzjoni ta’ flus imhallsa lill-konvenut. Dawn il-flus kienu allegatament gew mghoddija lill-konvenut sabiex dan jiddepositahom il-Qorti, rigwardanti kera dovuta fuq il-fond Flat 3, Pilkington Flats, Triq San Girgor, Sliema, u dana ghall-perjodu minn Gunju 1996 sa Settembru, 1998.

2. Jirrizulta li l-attrici kienet originarjament thallas kera lil Carmel Scerri, u wara kienet tghaddiha lill-ibnu David Scerri. Pero` fl-1995 l-imsemmi David Scerri kien irrifjuta li jaccetta l-kera.

3. L-attrici ghalhekk kienet marret ghand Dr Anthony Farrugia (SNR) u dan qalilha biex tiddepositahom il-Qorti. Fil-fatt l-attrici ghaddiet il-flus lilu, sakemm fi zmien minnhom hi intebhet, meta ghamlet

ricerki fil-Qorti, li ma kien hemm xejn depozitat. Ghalhekk staqsiet lil Dr Farrugia (SNR) li kien qalilha li ma kienx hemm ghalfejn jigu depozitati u li kienu qeghdin fi client's account. Sussegwentement Dr Farrugia (SNR) ghadda l-klijenta lill-konvenut sabiex jiehu hsieb hu.

4. L-attrici kienet ghaddiet cekkijiet lill-konvenut u dan kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti Dok. MS1 sa MS5, kif ukoll kitbitlu fis-7 ta' April, 1999, sabiex jiddepozitahom.

5. Fid-9 ta' Dicembru, 1999, skond ma jirrizulta mid-Dok . MS7 esebit, saret ir-rifuzjoni ghas-saldu tal-flejjes mghoddija lil Dr. Farrugia (SNR).

6. Jirrizulta li l-attrici ripetutament talbet lill-konvenut biex jiddepozitalha l-flus li kienet qed tghaddilu, u fis-7 ta' Novembru, 2000, il-konvenut ikkonferma li kien ircieva minghandha s-somma ta' seba' mija u erbghin lira Maltija kera minn Settembru, 1997. L-attrici tinnota li l-kera mghoddija lilu kienet sa minn Gunju, 1996, skond ma jirrizulta mic-cheque Dok. MS5 esebit u datat 19 ta' Gunju, 1996.

7. Sussegwentement l-attrici pprezentat protest gudizzjarju, Dok. MS11, fit-3 ta' Frar, 2003, ghall-liema sar kontro-protest mill-konvenut fis-7 ta' Frar, 2003, Dok. MS12.

8. Jacqueline Ellul u Tania Maidani (bint l-attrici) jikkonfermaw il-versjoni ta' l-attrici. Anzi Jacqueline Ellul kienet takkompanja lill-attrici meta kienet tmur ghand il-konvenut u din fl-affidavit taghha tghid hekk: "I remember Dr Farrugia telling her that the money was in his safe custody in his client's account and that there was no need to deposit the money …."

9. Jirrizulta li fi zmien minnhom l-attrici kienet inkarigat lill-accountant Kenneth Dimech sabiex jghaddi il-flus lill-konvenut, u dana fil-fatt kien jghaddilu l-flus skond ma jirrizulta mid-Dok. MS1 sa MS5 esebiti.

10. Mid-dokument prezentat mill-konvenut, li hi fax li rcieva minghand Dr. Ruth Borg ghall-attrici, liema ittra Dok. APF1 hi datata 30 ta' Gunju, 2000, hemm ir-referenza ghac-cekkijiet li thallsu lill-konvenut fl-ammont ta' elf mija u erbghin lira.

11. Pero` kif gja rilevat, jirrizulta li l-kera li kienet tghaddi l-attrici lill-konvenut kien rigwardanti hlasijiet dovuta sa minn Gunju 1996. Meta saret ir-rifuzjoni ghas-saldu da parti ta' Dr. Farrugia (SNR) ma kienx hemm inkluza l-kera ta' Gunju, 1996, filwaqt li din tirrizulta mid-Dok. MS5 bhala li thallset lill-konvenut. It-Tribunal iqies li l-attrici rnexxilha tipprova t-talba taghha.

"Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, t-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elf erba' mija u tmenin lira Maltin (LM1,480).

"L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tat-3 ta' Frar, 2003, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut."

"Minn din is-sentenza appella l-konvenut b'dawn l-aggravji:-

(1) It-Tribunal ghamel valutazzjoni erronea u wasal ghal konkluzzjoni zbaljata. Dan in kwantu hu mar kontra provi dokumentarji esebiti minnu. Huwa jsostni, bazikament, illi rceva ammont ta'flejjes anqas minn dak pretiz mill-attrici biex jigu depozitati fl-interess taghha;

(2) Inoltre, it-Tribunal naqas li jikkonsidra t-tpacija u dan nonostante provi dokumentali;

"Il-fatti f'dan il-kaz huma pjuttost semplici. Fil-qosor, jinsab pruvat illi l-attrici ghaddiet fi zmienijiet differenti lill-appellant u/jew lill-papa` tieghu flejjes biex dawn jigu depozitati l-Qorti fil-konfront ta' sid il-kera taghha, li fl-1995 ma baqax jaccetta l-hlas ta' l-affitt minghandha. F'okkazzjoni partikolari l-attrici skopriet li dawn il-flejjes rapprezenanti kirjiet ma kienux qeghdin jigu depozitati l-

Qorti. Kemm il-konvenut kif ukoll il-papa` tieghu, Dr. Anthony H. Farrugia, kienu jserrhulha rasha li l-flejjes kienu fi "*client's account*". Hi rrizolviet il-kwestjoni ma l-ahhar imsemmi konsulent legali fl-1999, pero` il-konvenut baqa' inadempjenti. Il-konvenut jiddefendi ruhu billi jsostni li ebda rifuzjoni tas-somma reklamata ma kienet dovuta lill-attrici. Dan fuq l-assunt li hu rceva ammont anqas minn dak reklamat u dippju kien dovut drittijiet professjonali minghand l-attrici ghal servizzi gudizzjarji rezi u pariri moghtija.

"Premessi dawn il-fatti, hi gurisprudenza pacifika illi r-rapport li jghaddi bejn klijent u l-avukat jew prokuratur legali li jqabbad ghall-affarijiet tieghu gudizzjarji huwa dak ta' mandat. Ara **Kollez. Vol. XXIX P I p 617.** Jitnisel minn dan illi l-inkarigu konferit lill-professjonista jimplika fil-mandatarju l-poter li jaghmel dak kollu li hu mehtieg ghall-esekuzzjoni ta' l-inkarigu li jkun irceva (**Kollez. Vol. XXIX P II p 968; Vil. XLI P I p 572; "Avv. Dr. Louis Vella et vs Direttur tal-Lottu Pubbliku"**, Appell, 8 ta' Mejju 2000);

"Fil-kaz in ezami l-mandat konferit mill-attrici lill-konvenut appellant kien wiehed specifiku. Dak cjoe li hu jiddepozita fil-Qorti l-kera ghall-iskadenzi li jaghlqu. Konsegwentement, gialadarba il-mandat jitqies specjali "*i poteri e i doveri del mandatario sono determinati dal mandato stesso, per modo che egli non puo ne deve compiere se non gli atti nel medesimo indicati e che sono necessari per la esecuzione del mandato"* (**Kollez. Vol. XXV P I p 587)**. Hi in effetti disposizzjoni tal-ligi li "l-mandatarju ma jista' jaghmel xejn li johrog mil-limiti tal-mandat" (Artikolu 1864, Kodici Civili);

"Minn dan sa issa kummentat johrog kjarament illi meta l-avukat jaccetta l-inkarigu huwa jassumi l-obbligu li jezegwixxi l-att guridiku li ndahal ghalih fl-interess tal-mandanti. Essenzjalment, l-adempjenza tieghu tirravisa ruhha fir-relazzjoni interkorrenti bejn l-obbligu li jikkonforma ruhu ma' l-indikazzjonijiet tal-mandanti u r-realizzar ta' dan l-istess obbligu. Li hu cert huwa l-fatt li ma jistax jippretendi li jitragga vantagg ghalih mis-sommom lilu affidati ghal skop specifiku. Il-ligi hija cara.

Hu obbliga jezegwixxi l-mandat, inkella fin-nuqqas ta' ezekuzzjoni jista' jkun passibbli ghal danni u mghaxijiet [Artikolu 1873 (1) Kapitolu 16]. Hu mistenni li din l-ezekuzzjoni ssir bid-dovuta diligenza tal-*bonus paterfamilias* skond il-kapacita` professjonali tieghu. Diligenza din li trid tigi valutata essenzjalment in relazzjoni ma' l-intendiment tal-mandat u b'riferiment ghal-limiti oggettivi ta' l-inkarigu u l-istruzzjonijiet impartiti lili *qua* mandatarju. Li jfisser li jekk jagixxi fil-limiti tal-mandat u qaghad ghall-istruzzjonijiet moghtija ma tistax tigi mputata lilu ebda ezekuzzjoni negligenti. Inversament, jekk huwa jagixxi difformement mill-inkarigu huwa jitqies fi htija fit-termini ta' l-Artikolu 1873 (1) succitat. Dan wara kollox ma huwiex hlief riaffermazzjoni tal-principju generali in tema ta' l-obbligazzjonijiet kontenuti fl-Artikolu 1125 ta' l-istess Kodici Civili.

"Fermi dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tghaddi biex tirregistra dawn l-osservazzjonijiet fil-kaz in ispecje:-

(1) Mill-fatti akkwiziti fil-process huwa lampantement car illi l-konvenut ma qaghadx ghall-inakrigu lilu affidat u minnu accettat. *Ex confessis*, jaccetta li hu ma ghaddiex ghad-depozitu tal-flejjes tal-kera lilu assenjati ghall-eventwali depozitu taghhom fil-Qorti;

(2) Fuq il-bazi ta' l-istess provi din il-Qort hi konvinta li l-konvenut irceva ammont superjuri ghal dak minnu ritenut. Bhat-Tribunal din il-Qorti hi sodisfatta li l-konvenut kien ilu jircievi hlasijiet b'effett mis-sena 1996. F'dan il-kuntest il-Qorti thoss li ghandha taghti affidament u kredibilita` aktar lill-versjoni ta' l-attrici. F'dan il-Qorti ma tistriehx biss fuq l-awtorita` taghha imma ssib elementi ta' sostenn, tant fix-xhieda prodotti mill-attrici u minn dawk dokumentali, tant fic-cirkostanzi generali tal-kaz;

(3) Dan iwassal ghall-pretiza tat-tpacija ventilata mill-appellanti, li qed titqajjem minnu f'din is-sede. Jidba biex jinghad illi din il-Qorti ma ssibx li hu professjonalment korrett illi mandatarju ma jadempix l-inakrigu specifiku lilu moghti biex minn fuq jippretendi bi dritt li jzomm flejjes

destinati ghall-skop specifiku ghaliex minn naha tieghu jivvanta drittijiet ta' kreditu ghall-mansjonijiet proprji ohra;

(4) Ankorke kellha din il-Qorti tokkupa ruhha minn dan l-aggravju lanqas mas-ssib li ghal kaz japplikaw ir-rekwiziti tal-kompensazzjoni gudizzjali. Da ghaliex kif deciz "*la compensazione gudiziale non e' ammissibile quando la liquidazione di uno dei crediti dipenda da una ratizzazione non accettata dalla contrparte"* (**Kollez. Vol. XXIV P II p 46)**. F'dan il-kaz ma ngiebet ebda prova illi l-kontro-kreditu pretiz mill-appellanti giex accettat mill-attrici;

(5) Dan apparti, din il-Qorti lanqas ma tara li hu guridikament korrett illi wiehed li ma jhallasx in forza ta' allegata kompensazzjoni, jippretendi li jkun imhares mill-konsegwenzi ta' gudizzju promoss kontra tieghu mill-kreditur, meta huwa jkun zamm f'idejh flejjes tal-kreditu destinat skond mandat specifiku lilu konferit u dippju huwa stess ma jkunx irrikorra ghar-rimedju preventiv tad-depozitu tal-kreditu dedott u jissekwestrah in bazi ghall-pretensjonijiet tieghu. Minn dan kollu l-appellanti ma ghamel xejn u ghalhekk mhux il-kaz li huwa jirrezisti t-talba ta' l-attrici bix-xorta ta' tpacija minnu vantata.

(6) Finalment, anke b'risposta ghall-eccezzjoni minnu sollevata, ghandu jinghad illi bl-invokazzjoni da parte tal-konvenut tat-tpacija minnu issa sottomessa in sede appell din l-istess pretensjoni timporta fiha nfisha rikonjizzjoni tal-kreditu reklamat mill-attrici. "*Colui che eccepisce la compensazione non potrebbe fare cio` sena riconoscere il credito compensabile o compensato"* **(Kollez. Vol. XXIV P II p 43)**;

"In bazi ghal dawn l-osservazzjonijiet mhux il-kaz li din il-Qorti tiddiskosta ruhha mal-konkluzjoni raggunta mit-Tribunal, anke jekk issa ghal ragunijiet aktar approfonditi.

"Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi l-appell interpost u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza jibqghu sopportabbli mill-konvenut appellant."

**Ir-ritrattazzjoni.**
L-appellant fil-proceduri fuq imsemmija determinati b'sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' April, 2005 hass ruhu aggravat b'dik id-decizjoni u b'hekk, b'rikors intavolat fis-6 ta' Lulju, 2005 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti:-
1. tiddikjara li tenut kont tal-fatti kif espost hemm lok ghar-ritrattazzjoni tal-kaz ai termini ta' l-Artikolu 811(l) tal-Kodici tal-Procedura Civili;

2. konsegwentement thassar is-sentenza taghha tas-6 ta' April, 2005 fl-ismijiet Maureen Scicluna vs Dr. Anthony P. Farrugia kif intqal;

3. Tordna ir-ritrattazzjoni tal-kaz kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi ;

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata.

In sostenn ta' din it-talba r-ritrattant issottometta s-segwenti:-
"Illi fost l-aggravji (fl-istadju ta' l-appell) l-esponent indika illi mill-provi prodotti mill-attrici in sostenn tat-talbiet taghha wiehed ma seta' jasal qatt ghall-ammont ta' LM1480.

"Illi inoltre it-talbiet attrici in kwantu kienu jirreferu ghal talba ta' rifuzjoni ta' flus, kienu jirreferu biss ghal dawk il-hlasijiet li saru allegatament lill-esponent in via ta' kera li suppost skond l-attrici kellha tigi depositata fir-Registru tal-Qorti.

"Illi in effetti, il-hlasijiet li gie ppruvat li thallsu bhala kera u li kienu indirizzati lill-konvenut kienu biss jammontaw ghal LM740, (LM148+LM148+LM444) u da kif jirrizulta mid-dokumentazzjoni konsistenti f'tliet cekkijiet.

"Illi cheque ta' tliet mitt Lira (LM300) li allegatament kien thallas lill-konvenut, kien fil-fatt indirizzat lil Dr. Anthony Farrugia. Dan il-hlas ma kienx parti mill-hlasijiet ta' kera depositat ma' l-appellat [recte: appellant] izda jirrizulta

b’mod car mill-atti li din ic-cifra kienet akkont ta’ spejjez u drittijiet ta’ kawza.

“Kien hemm versament iehor ta’ mitt lira (LM100) li ukoll jingieb mill-appellata in sostenn tat-talbiet taghha, meta mir-ricevuta stess prodotta mill-appellata, dan il-hlas kien ukoll akkont ta’ drittijiet u spejjez ghal kawza pprezentata fl-interess ta’ l-appellata.

“Illi ghalhekk hemm diga’ (LM400) erba’ mitt lira li ma jinkwadrawx fit-talbiet attrici, li qed tfittex rifuzjoni ta’ flus allegatament imhollija ghand l-esponent appellant bhala kera dovut minnha lis-sid li mieghu kien hemm dissidju.

“Hekk ukoll, ghalkemm gie allegat illi l-kera imhollija ghand l-appellant kienet tirrigwarda il-perjodu bejn Gunju 1996 u Settembru 1998, l-unici cekkijiet li nhargu lill-konvenut huma datati it-22 ta’ Settembru 1997, l-20 ta’ Frar 1998 u s-27 ta’ Lulju, 1998 rispettivament ghall-ammont globali ta’ (LM744) seba’ mija u erbgha u erbghin lira.

“Illi l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell b’sentenza taghha tas-6 ta’ April 2005, ma laqghetx l-appell esponenti u ikkundannat lill-esponent sabiex ihallas is-somma ta’ LM1480 kif mitluba.

“Illi bir-rispett pero` din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza imsemmija ma kkonsidratx dawn il-fatturi fid-deliberazzjonijiet Taghha li wassluha sabiex tilqa’ t-talbiet attrici u tichad l-appell esponenti. Din il-Qorti limitat ruhu (sic) biss f’esami dwar x’kienu id-doveri ta’ l-esponent fil-konfront tad-depositi imhollija ghand l-esponent dejjem skond l-attrici u laqghet il-versjoni taghha minkejja li kontradetta.

“Xejn ma qieset l-Onorabbli Qort ta’ l-Appell li kien hemm bzonn ta’ kalkolu tal-hlasijiet u esami dwar it-tip ta’ hlasijiet li saru, minkejja li dawn huma fatti cari u li jirrizultaw mill-atti.

"Illi dan in-nuqqas jikkonsisti fi zball ta' fatt ai termini ta' l-Artikolu 811(l) tal-Kodici tal-Procedura Civili u ghalhekk hemm lok ghar-ritrattazzjoni ta' l-istess kaz."

**Ikkunsidrat:**

L-Artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell tista', fuq talba ta' wahda mil-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, u fost ir-ragunijiet ta' ritrattazzjoni insiebu l-paragrafu (l) li qed jigi nvokat mit-titrattant li jiddisponi hekk:
"jekk is-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza."

Din ir-raguni ta' ritrattazzjoni izda hija kwalifikata billi jinghad hekk:
"Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt li l-verita` tieghu tkun bla ebda dubbju eskluza, jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita` tieghu tkun stabbilita` pozittivament, <u>basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza.</u>" (sottolinear tal-Qorti).

"Illi minn ezami tar-rikors ta' appell intavolat mill-Avukat Dr. Anthony . Farrugia kontra s-sentenza tad-9 ta' Lulju, 2004 tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar jidher li l-aggravju principali ta' l-appellant kien indirizzat lejn l-assenza ta' korrobarazzjoni tat-talba attrici. Infatti, fir-rikors ta' l-appell, jinghad espressament illi "*it-Tribunal permezz ta' din is-sentenza, mar kontra prova dokumentarja in kwantu wasal ghal konkluzzjoni a bazi tal-verzjoni ta' fatti monki minn korroborazzjoni u dan anke minkejja l-fatt illi l-konvenut gab prova kuntrarja li tohrog minn provi dokumentati.*"

Illi minn dan, kif ukoll mit-tieni aggravju rigwardanti t-tpacija eccepita fi stadju ta' l-appell, jidher car li l-bazi ta' l-appell intavolat mill-istess Dr Anthony P. Farrugia kien jikkoncerna l-quantum tas-somma li kellha tigi rifuza billi,

skond l-istess appellant, kien hemm karenza ta’ provi li jissostanzjaw it-tezi attrici mentri kien hemm provi ohra li sahansitra jikkontradicu dak li kienet qed tghid l-istess attrici appellata.

Illi r-ritrattant huwa skorret meta, fir-rikors sotto ezami, jghid li “*l-Onorabbli Qorti* (ta’ l-appell) *fis-sentenza imsemmija ma kkunsidratx dawn il-fatturi fid-deliberazzjonijiet Taghha*”. Ghal kuntrarju jidher li din il-Qorti, wara li ghamlet dawk l-osservazzjonijiet li, fic-cirkostanzi tal-kaz, kienu jidhru ta’ rilevanza, fil-paragrafu (2) ta’ l-osservazzjonijiet (fol 7 tas-sentenza) qalet propju is-segwenti:
“Fuq il-bazi ta’ l-istess provi din il-Qorti hi konvinta li l-konvenut irceva ammont superjuri ghal dak minnu ritenut. Bhat-Tribunal din il-Qorti hi sodisfatta li l-konvenut kien ielu jircievi direttament minghand l-attrici jew minghand l-*accountant* taghha hlasijiet b’effett mis-sena 1996. F’dan il-kuntest il-Qorti thoss li ghandha taghti affidament u kredibilita` aktar lill-versjoni ta’ l-attrici. F’dan il-Qorti ma tistriehx biss fuq l-awtorita` taghha imma ssib elementi ta’ sostenn, tant fix-xhieda prodotti mill-attrici u minn dawk dokumentali, tant fic-cirkostanzi generali tal-kaz.”

Jidher ghalhekk li l-fatt li jissema fil-paragrafu (l) ta’ l-Artikolu 811 kien punt ikkontestat li gie deciz bis-sentenza u li konsegwentement ma hemmx dritt ta’ ritrattazzjoni.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija t-talba tar-ritrattant qed tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------